IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 11.3.2014
COM(2014) 144 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

L-Aġenda tal-Ġustizzja tal-UE għall- 2020 - It-Tisħiħ tal-Fiduċja. tal-Mobbiltà u tat-Tkabbir fl-Unjoni

1. INTRODUZZJONI

Matul dawn l-aħħar 15-il sena, fuq il-bażi tat-Trattati ta' Maastricht, ta' Amsterdam u ta' Nizza, l-UE żviluppat progressivament spazju Ewropew ta' ġustizzja u politika tal-UE għall-ġustizzja. Qabel l-2009, l-azzjoni f'dawn l-oqsma kienet ikkaratterizzata minn struttura istituzzjonali li kienet differenti minn dik għal oqsma oħra ta' politika tal-UE. B'mod partikolari, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ma kinux għadhom fuq livell ugwali, filwaqt li l-prijoritajiet kienu prinċipalment stabbiliti mill-Kunsill Ewropew, permezz tal-adozzjoni ta' programmi ta' ħames snin parzjalment dettaljati ħafna (il-programmi ta' Tampere, tal-Aja u ta' Stokkolma).

Illum, il-politika tal-UE għall-ġustizzja saret qrib il-politiki l-oħra tal-UE, wara tibdil suċċessiv għat-Trattati tal-UE, b'mod partikolari d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill saru koleġiżlaturi f'bosta oqsma tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali. Mill-1 ta' Diċembru 2014, se tintemm fażi tranżizzjonali finali. Din se tneħħi l-limitazzjonijiet attwali għall-kontroll ġudizzjarju tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u għas-setgħa tal-Kummissjoni li tniedi ksur, bħala l-gwardjana tat-Trattat fuq iż-żona ta' koperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali. Il-Kummissjoni se tkompli tiżgura l-implimentazzjoni tajba tal-leġiżlazzjoni tal-UE fl-oqsma tal-ġustizzja.

Billi anke l-Programm tal-Kunsill Ewropew ta' Stokkolma[1] u l-pjan ta' azzjoni li ġej tal-Kummissjoni[2] jintemmu fl-aħħar tas-sena 2014, wasal iż-żmien li jittieħed kont tal-progress li sar u li jiġu identifikati l-isfidi ewlenin quddiemna u kif dawn għandhom jingħelbu.

Din il-Komunikazzjoni tistabbilixxi l-prijoritajiet politiċi li għandhom jiġu segwiti sabiex isir iktar progress lejn spazju Ewropew komuni ta' ġustizzja li jiffunzjona bis-sħiħ u orjentat lejn il-fiduċja, il-mobbiltà u tkabbir ekonomiku sal-2020.

Fit-tħejjija ta' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni involviet firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, b'mod partikolari permezz tal-konferenza "*Assises de la Justice*"[3] u rċeviet għadd kbir ta' kontributi bil-miktub. Saru wkoll diskussjonijiet fil-Parlament Ewropew[4], fil-Kunsill[5] u fil-Kumitat tar-Reġjuni[6].

L-orjentazzjonijiet tal-Kummissjoni relatati speċifikament mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali huma maħsuba biex jikkontribwixxu għal-linji gwida strateġiċi li jridu jiġu definiti mill-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 68 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE); u anke għall-għażliet strateġiċi li l-Parlament Ewropew se jkun irid jagħti għall-iżvilupp ulterjuri tal-ispazju Ewropew ta' ġustizzja.

2. IL-PROGRESS LI SAR SA ISSA: IL-BAŻI TAL-ISPAZJU EWROPEW TA' ĠUSTIZZJA

L-UE ħadet azzjoni biex tistabbilixxi l-bażi ta' "*spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni*". Sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u bħala riżultat ta'

---

1 Il-Programm ta' Stokkolma - Ewropa miftuħa u sigura għas-servizz u l-protezzjoni taċ-ċittadini – ĠU C 115, tal-4.5.2010.

2 Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa - Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma, COM(2010) 171 finali tal-20.4.2010

3 *Assises de la Justice* – It-tfassil tal-politiki tal-Ġustizzja fl-Ewropa għas-snin li ġejjin – il-21 u 22 ta' Novembru 2013 – Ir-riżultati tal-proċedimenti, id-dokumenti ta' diskussjoni u l-kontributi bil-miktub huma disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/justice/events/assises-justice-2013/index_en.htm.

4 F'laqgħa plenarja tal-Parlament Ewropew kif ukoll f'għadd ta' laqgħat tal-kumitati tiegħu, b'mod partikolari, JURI, LIBE, AFCO, DROI.

5 F'żewġ laqgħat informali u żewġ laqgħat formali tal-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni kif ukoll f'livell ta' grupp ta' ħidma (CATS, FREMP u gruppi ta' ħidma dwar Kwistjonijiet Ċivili).

6 Fil-Kumitat CIVEX.

kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill, sar progress sostanzjali lejn spazju Ewropew ta' ġustizzja li jaħdem aħjar.

It-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka

Il-politika tal-UE għall-Ġustizzja fittxet li tiżviluppa spazju Ewropew ta' ġustizzja bbażat fuq għarfien reċiproku u fiduċja reċiproka permezz tal-ħolqien ta' rabtiet bejn id-diversi sistemi ġudizzjarji tal-Istati Membri. Dan kien jeħtieġ li jinbnew salvagwardji legali xierqa, biex ikun żgurat li r-rabtiet mibnija bejn is-sistemi legali tal-Istati Membri jkunu strutturalment sodi. Fil-qasam tal-ġustizzja kriminali, il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri ssaħħet permezz tal-istabbilizzazzjoni progressiva, madwar l-UE, ta' sett ta' drittijiet għal proċess ġuridiku ġust permezz ta' standards minimi komuni, madwar l-UE kollha kemm hi, biex jipproteġu persuni suspettati jew akkużati b'reat[7]. Il-pożizzjoni tal-vittmi matul il-proċedura kriminali tjiebet ukoll permezz tal-provvediment ta' drittijiet minimi, appoġġ, parir u protezzjoni għall-vittmi u l-qraba viċini tagħhom.

Il-Ġustizzja għat-Tkabbir: il-kontribuzzjoni għat-tkabbir ekonomiku

Matul l-aħħar snin, notevolment taħt l-impressjoni tal-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovran u b'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, il-politika tal-Ġustizzja tal-UE saret ukoll appoġġ għall-irkupru ekonomiku, għat-tkabbir u għar-riformi strutturali.[8] L-UE ħadet azzjoni biex progressivament tinbena l-fiduċja meħtieġa għan-negozji u l-konsumaturi biex igawdu suq uniku li verament jaħdem bħala suq domestiku. Il-burokrazija żejda u l-ispejjeż inqatgħu: sentenza li tingħata fi Stat Membru wieħed tista' issa tiġi rikonoxxuta u infurzata fi Stat Membru ieħor mingħajr proċeduri intermedjarji (il-formalità ta' "*exequatur*"[9] tneħħiet progressivament kemm fil-proċedimenti ċivili kif ukoll f'dawk kummerċjali). Fil-qasam tal-protezzjoni tad-dejta, Regolament panEwropew ġdid huwa attwalment is-suġġett tan-negozjati avvanzati bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li se jissostitwixxi t-28 liġi nazzjonali eżistenti li jirregolaw il-protezzjoni tad-dejta personali permezz ta' sett wieħed ta' regoli. Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, li f'Ġunju 2014 se tkun effettiva bis-sħiħ madwar it-28 Stat Membru kollha kemm huma, se żżid il-protezzjoni tal-konsumatur, filwaqt li n-negozji se jibbenefikaw minn sett wieħed ta' regoli ewlenin, billi jinqatgħu l-ispejjeż tal-konformità b'mod sostanzjali għan-negozjanti madwar l-UE kollha. Bħala l-ewwel pass lejn kultura tal-UE "ta' salvataġġ u ta' rkupru" biex il-kumpaniji u l-individwi f'diffikultajiet finanzjarji jingħataw l-għajnuna, ir-regoli Ewropej eżistenti dwar l-insolvenza transfruntiera qed jiġu emendati.

It-titjib tal-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi nazzjonali ġudizzjarji huwa parti mill-programmi ta' aġġustament ekonomiku u tas-Semestru Ewropew. It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE qed tgħin lill-Istati Membri u lill-istituzzjonijiet tal-UE billi tipprovdi dejta oġġettiva, affidabbli u komparabbli dwar l-effettività tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja.

L-istituzzjonijiet tal-UE ħadu wkoll azzjoni biex jipproteġu aħjar l-interessi finanzjarji tal-flus tal-UE u tal-kontribwenti kontra l-frodi. Dan ix-xogħol kien jinkludi b'mod partikolari l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, bl-għan

---

7 Il-proċedimenti kriminali fl-UE jaqbżu t-tmien (8) miljun fis-sena.

8 Ingħatat spinta ewlenija notevoli lil din il-perspettiva ta' "ġustizzja għat-tkabbir" mill-Presidenza Spanjola tal-Kunsill fl-2010 (il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja għall-appoġġ tal-attività ekonomika – 23.4.2010) kif ukoll mill-Presidenza Irlandiża fl-2013 - http://eu2013.ie/media/eupresidency/content/documents/EU-Pres_Prog_A4.pdf - paġna 21.

9 *Exequatur*, kunċett speċifiku għal-liġi internazzjonali privata, jirreferi għar-rekwiżit ta' deċiżjoni tal-qorti li tawtorizza l-infurzar f'dak il-pajjiż ta' sentenza jew ta' soluzzjoni bil-qorti mogħtija barra mill-pajjiż.

li jistabbilixxi korp li jiżgura li r-reati kriminali kontra l-baġit tal-UE jiġu effettivament investigati u mħarrka sabiex il-kriminali jitressqu quddiem il-qorti u l-flus jiġu rkuprati.

Ġustizzja għaċ-Ċittadini: Nagħmlu l-ġustizzja sempliċi għaċ-ċittadini

L-UE ħadet azzjoni biex tiżgura li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mid-dritt tagħhom li jmorru minn post għal ieħor, biex jixtru prodotti u servizzi, u biex jgħixu fi Stat Membru ieħor. Iċ-ċittadini għandhom igawdu bis-sħiħ iċ-ċittadinanza tal-UE tul ħajjithom u jħossuhom komdi kull fejn ikunu fl-UE. Dan sar pereżempju permezz tal-faċilità għalihom li jimmaniġġaw l-implikazzjonijiet legali tas-suċċessjonijiet u d-divorzju transfruntiera jew bil-proposta li titnaqqas il-burokrazija li tiswa ħafna fl-Istati Membri permezz tat-tneħħija ta' formalitajiet ta' timbri skaduti bħall-*Apostille* jew it-traduzzjonijiet awtentikati bejn l-Istati Membri.

Il-protezzjoni tad-Drittijiet Fundamentali

Bħala l-gwardjana tat-Trattati, il-Kummissjoni intervjeniet biex tiżgura r-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (il-"Karta"), inklużi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE, u tal-istat tad-dritt. Il-Karta legalment vinkolanti saret boxxla għall-istituzzjonijiet kollha tal-UE. Il-Kummissjoni intervjeniet ukoll biex tiżgura r-rispett ta' drittijiet speċifiċi stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari d-dritt tal-ugwaljanza, il-protezzjoni tad-dejta personali, u l-protezzjoni tal-konsumatur. Dan kien jinkludi l-azzjoni għat-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi billi ġew promossi n-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

3. L-ISFIDI: IT-TISĦIĦ TAL-FIDUĊJA, IL-MOBILITÀ U T-TKABBIR EKONOMIKU ĠEWWA L-UNJONI

Għalkemm sar progress tanġibbli sal-lum lejn spazju Ewropew komuni bis-sħiħ fil-qasam tal-ġustizzja, jeħtieġ li jsir aktar wara t-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali fl-1 ta' Diċembru 2014.

Il-fiduċja Il-fiduċja reċiproka hija l-pedament li fuqu għandha tinbena l-politika tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja. Filwaqt li l-UE poġġiet is-sisien importanti għall-promozzjoni ta' fiduċja reċiproka, jeħtieġ li din tal-aħħar tissaħħaħ aktar biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini, il-ġuristi u l-imħallfin ikollhom fiduċja sħiħa fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji irrispettivament mill-Istat Membru fejn ikunu ttieħdu. Strumenti tal-UE bħalma huma l-mandat ta' arrest Ewropew jew ir-regolamenti dwar il-kunflitt fil-kwistjonijiet ta' liġi bejn l-Istati Membri jeħtieġu livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn l-awtoritajiet tal-ġustizzja minn Stati Membri differenti. Il-fiduċja reċiproka bejn il-qrati u l-amministrazzjonijiet tgħinhom biex jirrikonoxxu u jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' xulxin u tiffaċilita l-aċċess għall-ġustizzja fuq termini ugwali fl-Istati Membri kollha. Rekwiżit prinċipali għall-fiduċja reċiproka huwa l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistemi ġudizzjarji[10] u r-rispett lejn l-istat tad-dritt[11]. Ingredjent importanti ħafna ta' fiduċja huwa li l-progress fil-liġijiet isir realtà fuq il-post. Dan jeħtieġ liġijiet diġà miftehmin f'livell tal-UE li jiġu trasposti u applikati b'mod effettiv. Dan jitlob ukoll għodda effettivi għall-infurzar fuq livell nazzjonali biex jiġi żgurat aċċess aħjar għall-ġustizzja fl-Istati Membri kollha.

Il-mobbiltà. L-Ewropej qegħdin dejjem aktar jieħdu vantaġġ mid-drittijiet mogħtija lilhom mit-Trattati tal-UE. Bħalissa hemm kważi 14-il miljun ċittadin tal-UE li jgħixu fi Stat

[10] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni – "It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE Għodda għall-promozzjoni ta' ġustizzja u tkabbir effettivi" — COM(2013)160 u l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — "It-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Ġustizzja tal-UE 2014"– COM(2014)155.

[11] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt" –, COM(2014) 158.

Membru li tiegħu mhumiex ċittadini (iktar minn 12,1-il miljun fl-2009).[12] Iċ-ċittadini tal-UE dejjem aktar qegħdin jivvjaġġaw[13], jistudjaw, jivvutaw[14], jaħdmu, jibbenefikaw mill-kura tas-saħħa, jiżżewġju[15], jkollhom it-tfal, jixtru l-proprjetà, jiddivorzjaw[16] u jmutu[17] fi Stat Membru li mhuwiex dak li twieldu fih. Anki minn djarhom stess, il-konsumaturi[18] jixtru l-prodotti u s-servizzi minn fruntiera għal oħra, inkluż onlajn. Minkejja l-progress fid-dgawdija tad-drittijiet tagħhom, iċ-ċittadini tal-UE għadhom jiffaċċjaw xi ostakli. Dawn għadhom jesperjenzaw diffikultajiet prattiċi u legali meta jippruvaw igawdu mill-istess drittijiet li għandhom id-dar fi Stat Membru ieħor. Jeħtieġ li l-UE tindirizza dawn l-ostakli b'determinazzjoni, filwaqt li tkompli tippermetti l-ġlieda kontra l-abbuż, b'mod partikolari fi żmien meta d-dritt għall-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE qed jiġi sfidat minn xi whud. Id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jiċċaqalqu liberament u jgħixu fi kwalunkwe pajjiż tal-UE huwa wieħed mill-erba' libertajiet fundamentali mħaddna fil-liġi tal-UE u s-sisien tal-integrazzjoni tal-UE. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' fruntieri fid-dinja diġitali onlajn huwa mutur biex l-UE tindirizza l-interazzjoni bejn il-liġijiet sostantivi.

It-tkabbir. Il-politika tal-ġustizzja tal-UE għandha tkompli tappoġġja l-irkupru ekonomiku, it-tkabbir u t-trattament tal-qgħad. Jeħtieġ li r-riformi strutturali jiġu segwiti biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-ġustizzja jkunu kapaċi jwasslu ġustizzja affidabbli, ta' malajr u ta' min joqgħod fuqha, li tkun b'mod partikolari tnaqqas it-tul tal-proċedimenti ġudizzjarji u b'hekk tappoġġja l-effettività ta' politiki oħrajn. In-negozji u l-konsumaturi jeħtieġu li jkunu kunfidenti li se jkunu jistgħu jinfurzaw b'mod effettiv il-kuntratti u jittrattaw it-tilwim fil-qorti, jew fejn possibbli barra mill-qorti, madwar l-UE, fi żmien raġonevoli u mingħajr ma jiltaqgħu mal-varjetà ta' ostakli li għadhom qed jiffaċċjaw illum. It-tkabbir fl-ekonomija diġitali jeħtieġ ukoll il-fiduċja u l-kunfidenza taċ-ċittadini, billi dawn huma mħassba dwar l-ipproċessar jew is-sorveljanza fuq skala kbira tad-dejta personali tagħhom meta jużaw is-servizzi onlajn.

4. NINDIRIZZAW L-ISFIDI: NIKKONSOLIDAW, NIKKODIFIKAW, NIKKOMPLEMENTAW

Biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati għall-funzjonament sħiħ fl-ispazju Ewropew ta' ġustizzja, l-enfasi tal-politika tal-ġustizzja tal-UE fis-snin li ġejjin għandu jkun li **tikkonsolida** dak li nkiseb diġà, u, meta jkun meħtieġ u xieraq, li **tikkodifika** l-liġi u l-prattika tal-UE u **tikkumplementa** l-qafas eżistenti b'inizjattivi ġodda. Skont it-tip ta' sfidi, il-politika futura tal-ġustizzja tal-UE għandha tuża kombinazzjoni ta' dawn il-metodi, abbażi ta' analiżi każ b'każ u valutazzjoni tal-impatt.

Fl-applikazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawn il-metodi, l-UE għandha tqis bis-sħiħ il-fatt li d-diversità tas-sistemi u t-tradizzjonijiet ġuridiċi fl-UE jridu jiġu ppreżervati; li s-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jiġu rrispettati kif ukoll il-ħtieġa li l-azzjonijiet kollha tal-UE, u notevolment l-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-politika tal-ġustizzja, jkunu bbażati fis-sod fuq il-Karta tal-UE tad-Drittijiet Fundamentali.

---

12 Hemm 13,7-il miljun ċittadin Ewropew li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini (iktar minn 12,1-il miljun fl-2009 (dejta tal-Eurostat).

13 L-Ewropa hija l-akbar suq ta' vvjaġġar b'bejgħ ta' aktar minn 550 miljun vjaġġ kull sena, li tkopri wkoll vjaġġi barra l-UE — sors: (dejta mill-Eurostat, riflessa f'SWD(2013) 263 finali).

14 Il-proporzjon ta' ċittadini li jgħixu fi Stat Membru ieħor u li huma rreġistrati biex jivvutaw hemm kien ta' 5,9 % fl-1994. Iċ-ċifra żdiedet għal 11,6 % fl-2009.

15 Madwar 16-il miljun (13 %) mill-122 miljun żwieġ fl-Unjoni għandhom dimensjoni transfruntiera. Mit-2,4 miljun żwieġ iċċelebrat fl-Unjoni fl-2007, 300,000 kellhom dimensjoni transfruntiera – sors: SEC(2011) 327.

16 Fl-Ewropa hemm madwar 16-il miljun koppja internazzjonali, u kull sena minn tal-anqas 650,000 minnhom iħabbtu wiċċhom mal-kwistjoni dwar kif jaqsmu l-proprjetà tagħhom meta ż-żwieġ jew l-unjoni tagħhom jintemmu — sors: SEC(2011) 327.

17 Madwar 450,000 familja Ewropea jittrattaw suċċessjoni internazzjonali kull sena, b'valur ta' aktar minn EUR 120 biljun – sors: SEC(2009) 410.

18 Hemm aktar minn 500 miljun konsumatur fl-Ewropa. In-nefqa tal-konsumatur, li tammonta għal 56 % tal-PDG tal-UE, tirrifletti s-saħħa enormi li għandu l-konsumatur biex imexxi 'l quddiem l-ekonomija Ewropea – sors: L-Aġenda tal-Konsumatur tal-UE tal-2012, COM(2012) 225.

4.1. Il-konsolidazzjoni

Biex l-aġenda tal-UE għall-ġustizzja timxi 'l quddiem, l-UE għandha l-ewwel u qabel kollox tikkonsolida l-progress miksub, filwaqt li tiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu rispettati u li d-drittijiet mogħtija bil-leġiżlazzjoni tal-UE jsiru realtà. L-istrumenti miftiehma fil-livell tal-UE jridu jiġu trasposti mill-Istati Membri, implimentati u użati b'mod effettiv. Meta dawn id-drittijiet ma jiġux rispettati, għandu jkun hemm rimedji effettivi disponibbli.

i) Il-ħarsien tad-Drittijiet Fundamentali

L-UE għandha ssegwi l-isforzi tagħha biex tiżgura li tibqa' eżemplari fl-applikazzjoni tagħha tal-Karta. Dan jeħtieġ azzjoni mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha u l-Istati Membri kollha meta jimplimentaw il-liġi tal-UE biex tiġi promossa applikazzjoni effettiva tal-Karta u tal-leġiżlazzjoni sekondarja li tindirizza drittijiet speċifiċi, bħall-protezzjoni tad-dejta personali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, id-drittijiet taċ-ċittadini, id-drittijiet għal proċess ġust jew id-drittijiet tat-tfal. L-iżgurar tal-protezzjoni effettiva ta' dawn id-drittijiet madwar l-UE huwa kruċjali għall-fiduċja taċ-ċittadini fil-funzjonament xieraq taż-żona Ewropea tal-ġustizzja. Dan jinkludi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoritajiet jew dawk ta' persuni f'sitwazzjonijiet partikolarment vulnerabbli bħat-tfal, il-vittmi tal-kriminalità u l-persuni b'diżabbiltà. Barra minn hekk, għandu jkun hemm determinazzjoni komuni kontinwa fil-ġlieda kontra d-diskors ta' mibegħda razzjali jew ksenofobika u d-delitti fl-UE. Il-parir u l-kompetenza tal-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huma importanti biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-politiki tal-UE, inkluż fi kwistjonijiet kriminali.

L-UE għandha wkoll tkompli l-ħidma tagħha biex tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fis-salarji, fil-pensjonijiet u fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż f'pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri. Din l-azzjoni għandha tgħin biex tiżgura li l-Ewropa qed tagħmel użu sħiħ mit-talenti kollha disponibbli.

ii) Niżguraw rimedji effettivi

Ma hemm l-ebda drittijiet mingħajr rimedji effettivi. L-UE għandha ssegwi l-isforzi tagħha biex tiżgura r-rispett tad-dritt għal rimedju effettiv quddiem tribunal f'każ ta' ksur tal-liġi tal-UE (Artikolu 47 tal-Karta), inkluż f'każijiet fejn il-proċeduri nazzjonali jagħmluha eċċessivament diffiċli għaċ-ċittadini li jfittxu d-drittijiet mogħtija lilhom mil-liġi tal-UE f'każijiet transfruntiera.

Biex ikomplu jiffaċilitaw ir-riżoluzzjoni rapida tat-tilwim, l-Istati Membri għandhom jippromwovu l-użu ta' tipi oħra ta' mekkaniżmi ta' rimedji mhux ġudizzjarji żviluppati fl-UE li jistgħu joffru soluzzjoni għal tilwim imħaffa, effiċjenti u irħas . Dawn il-mekkaniżmi u l-istrumenti jinkludu, pereżempju, medjazzjoni, ir-riżoluzzjoni alternattiva tat-tilwim, ir-riżoluzzjoni onlajn tat-tilwim, SOLVIT, il-Proċedura Ewropea għal Talbiet Żgħar u l-Ordni Ewropea tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet li għadu kemm kien hemm qbil dwarha.

Ir-rieżami amministrattiv, ix-xogħol tal-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar kif ukoll il-proċeduri quddiem il-korpi ta' ugwaljanza, jistgħu jkollhom rwol ukoll. Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali jew il-korpi amministrattivi hija partikolarment importanti għall-effettività ta' ċerti drittijiet tal-UE, bħal pereżempju d-dritt għall-moviment liberu jew il-protezzjoni tad-dejta personali. Sabiex jiġi indirizzat aħjar il-ksur tal-liġi tal-protezzjoni tal-konsumaturi madwar l-UE, jeħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar. L-indipendenza tal-awtoritajiet ta' infurzar, meta meħtieġa mil-liġi tal-UE, kif inhu l-każ għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta, trid tkun żgurata.

Is-sistemi tal-ġustizzja li jiffunzjonaw tajjeb li jittrattaw każijiet amministrattivi huma wkoll kruċjali għall-effettività tal-liġi tal-UE.

iii) Taħriġ Ġudizzjarju

L-impatt tal-liġi tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini Ewropej u n-negozji huwa tali li kull ġurista nazzjonali – mill-avukati u l-bailiffs fuq naħa waħda, sal-imħallfin u l-prosekuturi fuq in-naħa l-oħra – għandu jkun ukoll espert fil-liġi tal-UE u kapaċi li jinterpreta u jinforza b'mod effettiv il-liġi tal-UE, flimkien mal-liġi domestika tiegħu jew tagħha stess. Fis-sistema ġuridika deċentralizzata tal-Unjoni, jeħtieġ li ta' sikwit l-imħallfin nazzjonali jsiru "mħallfin tal-liġi tal-Unjoni" sabiex ikunu jistgħu jaqdu r-responsabbiltajiet tagħhom.

It-taħriġ tal-ġuristi fil-liġi tal-UE huwa għalhekk ta' importanza kbira biex jiżgura li l-liġi tal-UE tiġi implimentata u applikata b'mod korrett, biex tinbena l-fiduċja fis-sistemi ġudizzjarji ta' xulxin u biex jippermetti li l-ġuristi jikkooperaw u jkollhom fiduċja f'xulxin min-naħa għal oħra tal-fruntieri.

Aktar minn 130,000 ġurista rċevew taħriġ fil-liġi tal-UE fl-2011 u l-2012. Dan jinkludi kwart tal-imħallfin u l-prosekuturi kollha tal-UE. Wasal iż-żmien li t-taħriġ jittieħed pass 'il quddiem u jinvolvi b'mod attiv il-persunal tal-qorti u l-ġuristi fil-liġi tal-UE mill-bidu nett. L-esperjenza min-Netwerk Ewropew tat-Taħriġ Ġudizzjarju għandha tiġi kkonsolidata u estiża biex tinkludi l-imħallfin u l-prosekuturi ġodda kollha. Il-potenzjal tat-tagħlim elettroniku-għandu wkoll jiġi sfruttat bis-sħiħ.

L-UE għandha tagħmel użu sħiħ min-netwerks eżistenti biex jiġi ffaċilitat it-taħriġ tal-ġuristi u biex jintlaħaq l-għan ta' taħriġ għal 50 % minnhom – total ta' 700,000 – fil-liġi tal-UE sal-2020. Il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġa dawn l-isforzi: il-programm finanzjarju tal-Ġustizzja 2014-2020 jirrifletti l-importanza li l-Kummissjoni tagħti lit-taħriġ. 35 % tal-baġit globali tal-programm ta' EUR 378 miljun se jappoġġa proġetti ta' taħriġ Ewropej ta' kwalità għolja għall-professjonijiet kollha fil-qasam tal-ġustizzja u se jgħin biex jinqasmu l-aħjar prattiki f'suġġetti bħall-kurrikula jew il-metodoloġija interattiva tat-taħriġ.

iv) It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni

It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (e-Justice), jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja għaċ-ċittadini u n-negozji.

Il-portal tal-Ġustizzja elettronika[19] u portali oħra rilevanti li jinfurmaw liċ-ċittadini u lin-negozji dwar id-drittijiet tagħhom bħal L-Ewropa Tiegħek[20], għandhom ikomplu jiżviluppaw f'għodda operazzjonali li jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġustizzja, u jneħħu l-burokrazija żejda u l-proċeduri mhux meħtieġa fl-Istati Membri b'mod partikolari fi proċedimenti ċivili u kummerċjali. Il-portal tal-Ġustizzja elettronika jista' wkoll jagħmel il-kooperazzjoni transfruntiera aktar faċli, pereżempju billi jipprovdi liċ-ċittadini u lill-ġuristi b'mudelli u b'forom tradotti fil-lingwi uffiċjali l-oħrajn kollha tal-UE. L-interkonnessjoni tar-reġistri nazzjonali fil-livell tal-UE għandha tiżgura li l-ġuristi, iċ-ċittadini u n-negozji jkollhom aċċess għall-informazzjoni li jeħtieġu fi Stati Membri oħra. Reġistri bħal dawn jinkludu reġistri tan-negozji, tal-art u tal-insolvenza, kif ukoll reġistri ta' testmenti.

Il-benefiċċji tal-għodod tal-ġustizzja elettronika mhumiex limitati għal kuntesti transfruntiera biss. Il-komunikazzjoni elettronika diretta bejn iċ-ċittadini, il-ġuristi, in-negozji u l-qrati qed issir realtà madwar il-ispazju Ewropew ta' ġustizzja u l-UE għandha tappoġġa inizjattivi f'dan il-qasam. Fil-kuntest ta' riformi strutturali kontinwi u l-ħidma fuq amministrazzjoni pubblika

[19] https://e-justice.europa.eu/

[20] http://europa.eu/youreurope/

moderna, id-diġitizzazzjoni tas-sistemi nazzjonali tal-ġustizzja qed issir strument ewlieni għall-iżgurar tas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali effettivi.

L-UE għandha tinkoraġġixxi l-użu ta' għodod elettroniċi, li jistgħu jipprovdu benefiċċju addizzjonali reali għaċ-ċittadini, għan-negozji, għall-ġuristi u l-qrati, inklużi għodod għall-aċċess tal-ġurisprudenza tal-qrati fi Stati Membri oħra.

v) Il-Kooperazzjoni Operattiva

Prattikanti madwar l-Ewropa jeħtieġ li jaħdmu flimkien biex jiskambjaw informazzjoni malajr u sigura u biex jiksbu l-għajnuna mill-kontropartijiet tagħhom. It-titjib tal-kooperazzjoni operattiva bejn il-partijiet kollha involuti huwa kruċjali, b'mod partikolari biex tiġi stabbilita fiduċja reċiproka.

Il-mekkaniżmi u n-netwerks eżistenti fi kwistjonijiet ċivili u kriminali, bħalma huma n-Netwerks Ġudizzjarji Ewropej, għandhom jiġu msaħħa u l-potenzjal tagħhom sfruttat bis-sħiħ, inkluż onlajn.

L-Eurojust għandu jaqdi r-rwol tiegħu bis-sħiħ, waqt li jibbenefika mir-riforma kontinwa tiegħu, billi se jibqa' korp importanti tal-UE fil-koordinazzjoni u l-prosekuzzjoni tar-reati kriminali wkoll wara l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, li se jiffoka l-attivitajiet tiegħu, għall-inqas inizjalment, fuq il-ġlieda kontra l-frodi għad-detriment tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Għal reati transnazzjonali oħra, l-Eurojust se jkollu rwol ewlieni x'jaqdi u għalhekk jeħtieġ li jissaħħaħ aktar fl-effettività. F'dan il-kuntest, il-potenzjal ta' timijiet ta' investigazzjoni konġunti għandu jintuża sal-massimu possibbli.

4.2. L-ikkodifikar

Il-kodifikazzjoni tal-liġijiet eżistenti u l-prattiki tista' tiffaċilita l-għarfien, il-fehim u l-użu tal-leġiżlazzjoni, it-tisħiħ tal-fiduċja reċiproka kif ukoll il-konsistenza u ċ-ċertezza legali filwaqt li tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis ta' burokrazija żejda. F'għadd ta' każijiet, il-kodifikazzjoni ta' ċerti partijiet tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE li tikkonċerna l-ġustizzja jew il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-Ġustizzja tista' tkun ta' benefiċċju f'li tipprovdi konsistenza tal-leġiżlazzjoni u ċarezza għaċ-ċittadini u l-utenti tal-liġi b'mod ġenerali:

- **Il-liġi ċivili u kummerċjali:** Mill-2000, l-UE adottat għadd sinifikanti ta' regoli fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali kif ukoll dwar il-kunflitt tal-liġijiet. L-UE għandha teżamina jekk il-kodifikazzjoni tal-istrumenti eżistenti tistax tkun utli, notevolment fil-qasam ta' kunflitt tal-liġijiet;
- **Il-liġi dwar id-drittijiet tal-konsumatur**: Wara valutazzjoni tal-funzjonament kumplessiv tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur u l-*acquis* relatat fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tal-konsumatur, l-inizjattivi ta' kodifikazzjoni bbażati fuq leġiżlazzjoni eżistenti għandhom jiġu esplorati u evalwati. L-għan għandu jkun li tiżdied is-sensibilizzazzjoni tal-konsumaturi dwar id-drittijiet tagħhom, li jiġu ssimplifikati d-direttivi li jikkoinċidu parzjalment u li l-kumpaniji jingħataw l-għajnuna biex japplikaw l-istess sett ta' regoli f'kuntesti differenti;
- **Il-liġi kriminali:** Il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar drittijiet proċedurali fi kwistjonijiet kriminali attwalment tinsab f'għadd konsiderevoli ta' strumenti differenti li ġew żviluppati u adottati pass pass matul l-aħħar snin. Biex il-livell ekwu u l-konsistenza tal-protezzjoni tad-drittijiet ta' persuni suspettati jissaħħu, il-ħtieġa li jiġu kkodifikati d-drittjiet proċedurali kriminali fi strument wieħed tista' tiġi eżaminata.

Biex jiġu ffaċilitati l-fiduċja u l-kooperazzjoni reċiproka għandha tingħata attenzjoni wkoll lill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni relatata mar-regoli u l-prinċipji li għandhom jiġu applikati mill-amministrazzjonijiet nazzjonali meta jimplimentaw il-liġi tal-UE.

4.3. Il-komplementazzjoni

Il-politika tal-ġustizzja hija qasam dinamiku, iffurmata b'mod partikolari permezz tal-mobilità li dejjem qed tiżdied taċ-ċittadini u n-negozji. Inizjattivi biex jikkumplimentaw il-politiki u l-istrumenti legali eżistenti tal-ġustizzja jistgħu għalhekk jiġu kkunsidrati fejn xieraq. Dan għandu dejjem ikun magħmul bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, għall-faċilità tal-ħajja taċ-ċittadini u għal aktar kontribut f'dak li għandu x'jaqsam mat-tkabbir. Il-ħtieġa u l-valur miżjud ta' tali inizjattivi komplementari se jkollhom jiġu vvalutati bir-reqqa bħal f'oqsma oħra ta' politika tal-UE. Barra minn hekk, id-diversità tas-sistemi legali tal-Istati Membri u tat-tradizzjonijiet dejjem se jkollha tiġi kkunsidrata. L-approċċi li għandhom jintgħażlu — pereżempju, ir-rikonoxximent reċiproku, l-identifikazzjoni tal-liġi applikabbli, l-armonizzazzjoni tradizzjonali, l-armonizzazzjoni fakultattiva tal-liġi sostantiva jew tar-reġim tal-liġi proċedurali – jiddependu fuq il-kwistjoni prinċipali.

Żieda fil-fiduċja reċiproka. Il-fiduċja reċiproka tirrikjedi sistemi tal-ġustizzja li huma indipendenti, ta' kwalità u effiċjenti. In-nuqqasijiet eżistenti jew innutati għandhom jiġu indirizzati sabiex iċ-ċittadini u n-negozji jkunu jistgħu jistrieħu għal kollox fuq is-sistema ġudizzjarja li qed jittrattaw. L-assigurazzjoni li d-drittijiet proċedurali taż-żewġ partijiet ikunu protetti hija wkoll element kruċjali biex tkun żgurata l-fiduċja reċiproka kemm fi kwistjonijiet ċivili kif ukoll f'dawk kriminali. Il-ħtieġa li jissaħħu d-drittijiet proċedurali ċivili għandha tiġi eżaminata, pereżempju rigward is-servizz ta' dokumenti jew fit-teħid ta' evidenza u fl-iżgurar li l-aħjar interessi tat-tfal jitqiesu bħala ta' importanza primarja. Sabiex tiġi ffaċilitata kooperazzjoni bla xkiel fi kwistjonijiet kriminali, ir-rikonoxximent reċiproku ta' strumenti jista' jkompli jiġi msaħħaħ, waqt li wieħed jibni fuq xogħol li sar sa issa, f'oqsma bħalma huwa r-rikonoxximent ta' penali finanzjarji, l-ordnijiet ta' konfiska u l-iskwalifiki. Ladarba l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew jiġi stabbilit, il-prassi se turi l-ħtieġa possibbli għal miżuri komplementari.

Il-kontribut għat-tkabbir ekonomiku. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll inizjattivi ta' politika tal-ġustizzja kumplimentari sabiex jagħtu kontribut ulterjuri lit-tkabbir, pereżempju, billi wieħed imur pass' il quddiem lejn l-iżvilupp ta' kultura tal-UE "ta' salvataġġ u ta' rkupru" għall-fallimenti. L-istandards minimi fil-qasam tal-liġi sostantiva tal-insolvenza jistgħu jsiru mixtieqa għall-Istati Membri kollha biex jippermettu n-negozji vijabbli li jkunu f'diffikultajiet finanzjarji jgħaddu minn ristrutturar fi stadju bikri. Żviluppi teknoloġiċi, b'mod partikolari fi swieq b'potenzjal sinifikanti għat-tkabbir (bħas-suq cloud), jeħtieġu liġi ċivili tal-UE li għandha tkun aġġornata. Qafas ta' liġi ċivili u kuntrattwali aktar ċar u konsistenti, inkluż permezz ta' sistemi fakultattivi li jirrispettaw is-sussidjarjetà u d-diversità tas-sistemi ġuridiċi nazzjonali, jista' jwieġeb għal din l-isfida billi jipprovdi lin-negozji b'kundizzjonijiet ekwi filwaqt li jissalvagwardja l-interessi tal-konsumaturi. L-infurzar tad-drittijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur jibqa' nazzjonali filwaqt li x-xiri transfruntier jiżdied. It-tisħiħ tal-infurzar jew l-iċċarar tal-liġijiet eżistenti għall-protezzjoni tal-konsumaturi għandhom jgħinu biex isaħħu l-fiduċja tal-konsumaturi.

L-iffaċilitar tal-ħajja taċ-ċittadini. Sabiex jingħata effett sħiħ lid-dritt ta' kull ċittadin li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni u jippermetti liċ-ċittadini mobbli tal-UE jintegraw aħjar fil-pajjiż ospitanti tagħhom, tista' tiġi eżaminata l-ħtieġa li jiġu adottati

dispożizzjonijiet li jżidu d-drittijiet taċ-ċittadinanza msemmija fit-Trattati tal-UE. Sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn iċ-ċittadini jiltaqgħu ma' problemi, pereżempju, relatati ma' rekords dwar l-istat ċivili, l-UE għandha tivvaluta l-ħtieġa għal azzjoni ulterjuri, bħal regoli dwar kunjomijiet biex tikkumplimenta l-proposti eżistenti biex tiġi ffaċilitata l-aċċettazzjoni ta' dawk id-dokumenti pubbliċi li huma ta' rilevanza prattika partikolari meta ċ-ċittadini jew l-impriżi jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu. Fi kwistjonijiet kriminali, il-vittmi mhux dejjem jibbenefikaw minn livell sodisfaċenti ta' kumpens, b'mod partikolari mingħand min ikun wettaq ir-reat. Għandha tiġi esplorata azzjoni għar-rimedju ta' dan. Barra minn hekk, l-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Roma għandhom jiġu tradotti f'azzjonijiet konkreti fil-livell nazzjonali u lokali. Dan jinkludi l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-fondi tal-UE u li jiġi investigat kif jista' jiġi żgurat immirar aħjar tal-fondi tal-UE espliċitament għall-inklużjoni tar-Roma.

Li wieħed ikun attiv fil-fora **internazzjonali** u l-involviment mas-sħab tal-UE huwa kruċjali biex jiżgura li ċ-ċittadini tal-UE u n-negozji jkunu mħarsa fir-relazzjonijiet tagħhom ma' pajjiżi terzi. L-għan għandu jkun li dak li jkun inkiseb fil-livell tal-UE fl-oqsma tal-ġustizzja għad-difiża tad-drittijiet u l-istabbiliment ta' standards, bħal fil-qasam tal-protezzjoni ta' dejta personali, jsib l-appoġġ u jmexxi r-relazzjonijiet tal-UE ma' pajjiżi terzi. Se tingħata attenzjoni speċjali lill-promozzjoni ta' sistemi ta' ġustizzja effettiva b'mod partikolari fil-pajjiżi kandidati u l-pajjiżi ġirien. Fuq livell multilaterali, l-enfasi se tkun fuq kooperazzjoni aktar effiċjenti mal-Konferenza tal-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata, fejn l-UE titkellem b'vuċi waħda f'oqsma ta' liġi ċivili u kummerċjali.

Fid-dawl tal-importanza tagħha għall-arkitettura kumplessiva tad-drittijiet fundamentali madwar iż-żona Ewropea tal-ġustizzja, l-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – innegozjata mill-Kummissjoni bejn l-2010 u l-2014 fuq il-bażi ta' mandat mogħti lilha mill-Kunsill – teħtieġ li tegħleb l-aħħar ostakli. Ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja se tkun ħarġet l-opinjoni tagħha dwar ir-riżultat ta' dawn in-negozjati, l-UE, b'kunsiderazzjoni sħiħa ta' din l-opinjoni, għandha tieħu kull azzjoni meħtieġa biex malajr tikkonkludi n-negozjati u jitlesta l-proċess ta' ratifika fl-Istati Membri kollha tal-UE, biex jiġi ssodisfat l-obbligu li jinsab fit-Trattati.

5. KONKLUŻJONI

Il-politika tal-ġustizzja tal-UE saret dejjem aktar ċentrali għall-integrazzjoni tal-UE u tanġibbli ħafna għal bosta ċittadini. Hija għandha rwol importanti x'taqdi fl-infurzar tal-valuri komuni li fuqhom hija bbażata l-Unjoni, fit-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku u fil-kontribuzzoni favur l-effikaċja ta' politiki oħra tal-UE. Politika tal-UE fil-qasam tal-ġustizzja mfassla sew tista' tiżgura li l-individwi u n-negozji, notevolment dawk li jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu, jibbenefikaw b'mod effettiv minn żona tal-ġustizzja komuni Ewropea ta' fiduċja li tiffunzjona bis-sħiħ.

Din l-Aġenda tal-UE għall-Ġustizzja għall-2020 tistipula l-orjentazzjonijiet tal-Kummissjoni għad-direzzjoni politika tax-xogħol tal-UE fis-snin li ġejjin, li issa se tiġi diskussa mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill kif ukoll mal-pubbliku b'mod ġenerali. Ir-riżultat ta' din id-diskussjoni għandu jispira wkoll il-linji gwida strateġiċi li għandhom jiġu pprovduti mill-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 68 tat-TFUE.

Biex dawn l-orjentazzjonijiet isiru realtà se jkunu meħtieġa l-isforzi determinati u kontinwi tal-istituzzjonijiet kollha tal-UE u tal-Istati Membri kollha, kif ukoll l-involviment sħiħ ta' dawk kollha interessati, b'mod partikolari ċ-ċittadini bħala utenti finali tas-sistemi tal-ġustizzja, il-ġudikatura u l-ġuristi. Dan l-involviment huwa kruċjali għall-iżvilupp ta'

soluzzjonijiet li jirrispondu għal sfidi prattiċi reali fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u tan-negozji u biex jintlaħqu l-aspettattivi tagħhom. Bħala riżultat, sal-2020, il-ġustizzja u d-drittijiet taċ-ċittadini ma għandu jkollhom l-ebda fruntiera fl-UE.